**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 28 ta' Jannar 2002.**

Pulizija
Spettur M'Stella Cutajar

Vs

Pierre Darmanin

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Pierre Darmanin ta' 24 sena, bin Saviour u Doris nee' Zammit, imwieled Sliema, fit-30 ta' Settembru 1976 u joqghod Belgravia, St. Catherine Street, Zurrieq, bin-numru tal-karta tal-identita' 254077 (M);

Talli nhar it-18 ta' Lulju, 1998 u xi xhur qabel din id-data, minn diversi bnadi f'dawn il-gzejjer appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu li gab mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat skond l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar minn hames mitt lira maltin (Lm500) ghad-dannu tas-Sinjur Konrad Maistre u dan kollu bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi din il-Qorti rat l-Artikolu 293, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi, bhal ma jigri f'diversi drabi, anke f'dan il-kaz, jezistu zewg versjonijiet, dik tal-Prosekuzzjoni u dik tad-difiza.

Illi l-kaz odjern jikkoncerna dghajsa ta' tlettax-il-pied, propjeta' originali tal-imputat, suppost minnhu mibjugha lill-kwerelant Maistre b'valur ta' tminn mitt lira maltin (Lm800). Hames mija u hamsin lira maltin (Lm550) huwa valur ta' servizzi maghmulha mill-kwerelant lill-akkuzat b'bilanc rimanenti ta' mitejn u hamsin lira maltin (Lm250) li l-kwerelant kien ghad fadallu jaghti lill-akkuzat. Dan il-ftehim, skond il-kwerelant, huwa sanzjonat minn skrittura miktuba fuq "Compliments Slip" tad-ditta Uskin Ltd., socjeta' li taghha huwa ghandhu sehem, hija montatura ta' l-istess kwerelant, miktuba fuq compliment slip mibghuta ma' cheque precedenti, jigifieri bicca xoghol ohra separata.

Illi l-imputat, fil-fatt, qieghed jallega illi l-kwerelant uza din il-"Compliment Slip" precedentement iffirmata mill-istess akkuzat (liema compliment slip kienet akkompanjat pagament precedenti illi l-imputat kien ghamel lill-kwerelant) sabiex, bil-kaligrafija tal-kwerelant stess, jivvinta dina l-iskrittura u sostenn tal-pretenzjoni tieghu ta' pagament.

Illi waqt illi l-kwerelanti, in kontro-ezami jammetti illi din l-iskrittura (b'mod hafna irregolari stante li saret fuq complimentary slip) hija fil-kaligrafija tieghu, l-akkuzat ukoll jikkonferma illi l-mod kif saret din l-iskrittura hija irregolari ghaliex huwa ghandu l-invoices ghal dan ix-xoghol.

Illi l-imputat jispjega dwar id-dghajsa illi din hija dghajsa mibnija mid-ditta tieghu u, fil-fatt, ghada registrata fuq isem l-imputat mal-Awtorita' Marittima, sallum. Jispjega illi hwa kien ghadda l-permess ta' din id-dghajsa lill-imputat bil-kundizzjoni li dan jipprovha u jixtriha bil-prezz ta' tminn mitt lira maltin (Lm800). Il-kwerellant, wara li ghadda ftit ta' zmien minghajr ma' huwa tah risposta, huwa offra l-ammont ta' hames mitt lira maltin (Lm500) li giet irrifjutata mill-imputat. L-imputat rega' ha lura d-dghajsa u jichad illi qatt kellu jaghti xi 'commission' lill-kwerelant fuq xi xoghol, li l-istess kwerelant kien xtara ghan-nom tal-akkuzat jew tad-ditta tieghu. Il-'commissions' dovuti, jghid hu, jidhru fuq id-dokumenti ezebiti.

Illi hawn qeghdin fil-kamp kriminali u d-dubbju ragonevoli ghandu jimmilita' favur l-imputat. Huwa hafna irregolari illi ftehim ta' din in-natura jinkiteb fuq 'complimentary slip' u l-fatt illi din il-kitba hija f'idejn il-kwerelant ma' tantx issahhah it-tezi ta' l-istess kwerelant. Id-dghajsa de quo ghadha registrata f'isem l-imputat ma' l-awtoritajiet marittimi u m'hihix registrata f'isem il-kwerelant. Per di piu', il-kwerelant ma' jistax juri skrittura pre-ezistenti ta' ftehim ma' l-akkuzat semmai il-business ta' bejniethom kellu jirnexxi.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tillibera lill-imsemmi Pierre Darmanin, mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

MAGISTRAT.